Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Colin Sheldon]

vs

Leon Gafà

Kumpilazzjoni Numru: 635/2024

Illum, erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu, 2025

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Leon Gafà** detentur tal-karta tal-identità 126798M talli nhar it-tnax (12) t'Awwissu, 2024 ghall-

habta ta' 11:24hrs u/jew fis-sighat, u/jew fil-jiem, u/jew fix-xhur ta' qabel b'diversi atti, ukoll jekk maghmula fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda gewwa Hal Qormi, u f'dawn il-gzejjer Maltin:

1. **Bl-imgieba tieghu kkaguna lis-siehba tieghu Chantelle Grech u lil ommu Claudia Gafà u lil ohtu Leona Gafà biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222 (1), liema delitt twettaq kontra persuna li tghix mal-vittma, twettaq ripetutament; Artikoli 251B (1) u 251H (a)(b), 251HA, 222 (1)(a), 202 (h)(i)(ii)(iii)(v)(vi)(vii) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

2. **U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi ikkawza lis-siehba tieghu Chantelle Grech u lil ommu Claudia Gafà u lil ohtu Leona Gafà biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222 (1);**

Artikoli 251A (1)(a)(b) u 251H (a)(b), 251HA, 222 (1)(a), 202 (h)(i)(ii)(iii)(v)(vi)(vii) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmja band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
Artikolu 339 (1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jaghmel xi reat, jew bil-hsieb li jgieghel lis-siehba tieghu Chantelle Grech taghmel xi haga jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih;
Artikolu 49 (a)(b)(c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta

5. Aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkustanzi waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr Nadine Lia LL.D. fil-25 ta' Ottubru 2022 fejn kien ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija u dan bi ksur tal-Artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U finalment talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi rrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'zewg sentenzi mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurtà ta' Chantelle Grech, Claudia Gafaà u Leona Gafà billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u necessarju u taht dawk il-kundizzjonijiet kollha li tiqs xierqa u opportuni, tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija ghar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew ghal wiehed biss jew ghal uhud minnhom, il-Qorti giet mitluba sabiex thaddem kontra l-hati d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-ligi.

**F'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382 u 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurtà tal-parti leza;**

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata tal-imputat;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tlettax (13) t' Awwissu tas-sena 2024 fejn ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju.

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni a favur il-parte civile datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Awwissu tas-sena 2024;

Rat id-dikjarazzjoni tal-parte civile Chantelle Grech li ddikjarat li xtaqet tahfer lill-imputat kif ukoll li xtaqet li twaqqaf l-ordni ta' protezzjoni u dan tramite verbal datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena 2025.

Rat ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tal-istess Ordni ta' Protezzjoni datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Awwissu tas-sena 2024;

Rat id-dokumenti esebiti;

**Ikkunsidrat**

Illi xehed **l-Ispettur Colin Sheldon** li pprezenta rapporti, nota tal-Kummissarju tal-Pulizija, il-fedina penali tal-imputat, certifikat tat-twelid tal-imputat, dikjarazzjoni ta' rinunzja ghall-parir legali, stqrarrija awdjo-viziva tal-imputat kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jigu ttrattati b'mod sommarju.

Illi xehdet **Claudia Gafà** li hija omm l-imputat u tghid li tahfirlu ta' dak li ghamel filwaqt li tixtiequ li jghix maghha. Tixhed li hi tirrisjedi gewwa l-fond Blokk A, Flat 6, Triq il-Qolla, Haz-Zebbug. Tghid li hi qieghda tahfer lill-akkuzat stante li huwa binha u ghax tixtieqlu l-gid. Tghid li fil-fatt l-akkuzat kien dahal id-DDU u sahansitra anke l-Oasi. Tkompli tghid li l-akkuzat kien ghamel tliet (3) snin nadif u kien jirrisjedi gewwa Ghawdex. Tghid li dan kollu li

gara stante l-fatt li l-akkuzat rega' waqa' ghall-vizzju tad-drogi. Tghid li l-akkuzat ma jixtieqx jibqa' jghix il-hajja b'dan il-mod. Tixhed li binha mhuwiex b'sahhtu bizzejjed u ghandu bzonn lil xi hadd biex jiggwidah b'mod stabbli.

Illi xehdet <u>Leona Gafà</u> li hija oht l-akkuzat u tghid li hi tixtieq tahfer lill-akkuzat ta' dak kollu li ghamel. Tghid li huha mhuwiex bniedem hazin u li gara li gara stante li l-akkuzat ibati bil-vizzju tad-drogi. Tghid li l-akkuzat ilu jissielet ma' din il-problema u li kien hemm perjodu ta' tliet (3) snin fejn ma kienx qieghed jiehu d-drogi waqt li kien qieghed jghix Ghawdex. Izzid tghid li l-akkuzat kellu madwar hmistax (15) u sittax (16)-il sena meta saru jafu bil-problemi tieghu. Tkompli tixhed li meta kien ikollu l-problemi f'hajtu minflok ma jiffaccjahom jew ifittex ghajnuna mill-familja hu kien idur fuq id-drogi. Tghid li hi tixtieq li jindirizza din il-problema li ghandu l-akkuzat.

Illi xehed <u>l-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler</u> li gie nkarigat biex ihejji pre-sentencing report. Tali rapport gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. MFS1. Jghid li l-ewwel ma ghamel kien li jara l-passat legali tal-imputat fejn irrizultalu li hu kien inqbad jisraq

tlett (3) darbiet u li ma kienx skonta perjodu ta' prungerija effettiva. Jghid li skont l-akkuzat m'ghandux proceduri quddiem qrati ohra u kienu anke gew intervistati t-tliet (3) vittmi. Jghid li t-tlieta (3) li huma jixtiequ lill-akkuzat sabiex isegwi xi tip ta' programm sabiex jindirizza l-problema tieghu tad-droga. Jixhed li l-akkuzat kellu trobbija mhux konvenzjonali u cioè li l-familja ma kinitx stabbli ekonomikament filwaqt li ma kellux figura paterna f'hajtu u dan in-nuqqas jispjega kif l-akkuzat kellu impossibilità sabiex jibni konnessjoni emozzjonali m'ommu. Izid jghid li l-akkuzat kien ilu fuq il-vizzju tad-droga minn mindu kellu hmistax (15)-il sena u minkejja diversi tentattivi ta' riabilitazzjoni xorta wahda l-akkuzat baqa' jsib konfort fid-drogi u specifikament il-kokaina. Jghid li l-uzu tad-droga huwa kagun tal-fatt li mhuwiex kapaci jindirizza l-problemi tal-hajja kif ukoll il-problemi emozzjonali tieghu.

Ikompli jixhed li d-dipendenza fuq il-kokaina qieghda taffettwalu hajtu b'mod negattiv. Jixhed li hemm ezistenti tahditiet mal-Fondazzjoni Oasi sabiex l-akkuzat ikun jista' jerga' jidhol f'dan il-programm izda ghad ma hemmx data. Jixhed li l-akkuzat dejjem kellu xoghol regolarizzat u dan skont l-informazzjoni li pprovdewlu l-JobsPlus filwaqt li l-livell t'edukazzjoni huwa wiehed

sekondarju. Jixhed ukoll li l-akkuzat m'ghandux struttura fil-hajja socjali tieghu u ghalhekk gie konkluz li bhala pjan ta' kura l-akkuzat ghandu jwettaq programm residenzjali u dan bl-ghan li jittermina d-dipendenza tieghu fuq id-droga kokaina. Jixhed li l-akkuzat bhalissa qieghed jghix hajja kaotika u minghajr ebda struttura u ghalhekk jaf jaghti l-kaz li jerga' jivvittimizza terzi persuni. Jikkonkludi li qieghed jigi ssuggerit fir-rapport tieghu li din il-Qorti ghandha timponi Ordni ta' Probation u ohra ta' Trattament ghal perjodu ta' tliet (3) snin u dan sabiex ikun hemm certezza li l-akkuzat jittermina b'success u b'hekk ikun jista' jibda l-programm residenzjali. Jixhed li ghal dak li ghandu x'jaqsam testijiet tal-awrina l-akkuzat ma kienx irnexxielu jiffissa appuntament mad-Dipartiment tal-Probation u Parole izda ammetta li hu kien qieghed juza d-droga kuljum.

Illi <u>l-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler</u> ipprezenta aggornament tal-kaz tal-akkuzat tramite nota datata sitta (6) ta' Novembru 2024.

Illi rega' xehed <u>l-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler</u> li jghid li in segwitu ghan-nota datata sitta (6) ta' Novembru 2024 l-

akkuzat attenda ghall-appuntamenti kollha u t-testijiet tal-awrina rrizultaw fin-negattiv ghad-droga. Jghid li l-istess akkuzat qieghed izomm kuntatt regolari mal-Agenzija Sedqa, mad-Detox kif ukoll mal-NA (Narcotics Anonymous).

## Ikkunsidrat

Illi l-kaz *de quo* jittratta dwar theddid tramite mezzi elettronici li ntbaghtu mill-imputat lill-vittma Chantelle Grech kif ukoll dwar biza' li l-imputat kien ser jikkawza vjolenza fuq l-istess vittma u zewg (2) vittmi ohra li huma ommu u ohtu. Oltrè minn hekk l-imputat fil-prezentata datata tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena 2024 ammetta ghal tali reati.

Illi l-Qorti hija konsapevoli tal-fatt li dan il-kaz huwa purament wiehed socjali u li ghalhekk ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation hija essenzjali ghar-rigward jekk l-imputat ghandux jinghata piena karcerarja o meno.

Illi jrid jinghad li matul dawn il-proceduri din il-Qorti innutat li l-imputat aderixxa ruhu mal-istruzzjonijiet professjonali li

nghatawlu. Di più r-rapport finali tal-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler joffri konfort lil din il-Qorti li l-imputat huwa lest li jbiddel it-triq tieghu. Referenza ssir ghan-nota datata sitta (6) ta' Novembru 2024 tal-istess Ufficjal tal-Probation li jghid hekk:

> *"Test tal-urina li sar fil-kkonfront tieghu irrizulta fin-negattiv ghad-droga eroina u kokaina u ghall-kannabis.""*

Illi ssir referenza ghal dak li l-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler kkonkluda fir-rapport tieghu fejn ikkonkluda hekk:

> *"Ghaldaqstant, qieghed umilment jigi ssuggerit illi din l-Onorabbli Qorti tikkunsidra illi tittratta mal-ksur tas-sentenza sospiza billi ssir riattivazzjoni taghha filwaqt illi timponi ordni ta' probation u ordni ta' trattament ghal tliet snin. Dan ghandu jassigura illi Gafa` eventwalment jissieheb fi programm residenzjali u jikkompletah filwaqt illi jikkonsolida l-progess evetwali tieghu. fil-fehma tas-sottoskritt din ghandha tkun l-ahhar opportunita` illi*

*tinghata lill-imputat qabel mal-Qorti tghaddi sabiex timponi piena karcerarja effettiva fil-konfront tieghu."*

Illi ghalhekk il-Qorti ser taghmel taghha din l-osservazzjoni filwaqt li l-istess osservazzjoni ser tigi riflessa fil-piena.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi jirrelataw mar-reat tal-vjolenza domestika.

Illi l-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha izda attenzjoni ghandha tingibed lejn il-fatt li l-vittmi kollha ddikjaraw li xtaqu jwaqqfu l-proceduri fil-konfront tal-akkuzat. Referenza qieghda ssir ghal proviso tal-Artikolu 543 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

*"Il-pulizija tista' tagixxi, ukoll minghajr il-kwerela privata, f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:*

*e. fil-kaz ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika:*

*Izda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika:*

***Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l -awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, tal-minuri involuti, u xi terzi relevanti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ[1]."***

Illi referenza qiegħda ssir għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tyson Bugeja** datata sebgħa (7) ta' Frar tas-sena 2025 fejn ingħad hekk:

[1] Emfażi ta' din il-Qorti.

*"Illi, mill-atti processwali jirrizulta li, fis-seduta ta' nhar it-22 ta' Marzu 2024 quddiem l-Ewwel Qorti, l-parti offiza Miraine Bugeja ddikjarat li ma xtaqitx tixhed sabiex ma tinkriminax ruhha fi proceduri relatati ma' dan il-kaz. Sussegwentment nhar it-30 ta' Mejju 2024, l-istess Bugeja regghet hadet il-pedana tax-xhieda u xehdet bil-gurament illi xtaqet tirrinunzja ghal dawk l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant li huma rinunzjabbli mill-parti offiza.*

*Illi, in vista ta' tali rinunzja, l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, senjatament dik li kienet titratta r-reat tal-fastidju mfassal fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, filwaqt li ghaddiet sabiex issib htija fir-rigward tat-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' mputazzjonijiet migjuba kontrih. L-appellant jishaq li l-Ewwel Qorti kellha tghaddi biex tilliberah anke minn dawn l-imputazzjonijiet billi dawn twieldu minn l-istess fatt inkriminatorju li kellu bhala il-qofol tieghu allegat episodju*

*ta' vjolenza domestiku u jakkampa favur tieghu dak dispost fl-artikolu 543(e) tal-Kodiċi Kriminali.*

*...*

*Illi jibda biex ikun osservat illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant jikkoncernaw reati prosegwibbli ex officio mill-Pulizija, kif hemm imfisser fl-artikolu 4(2) tal-Kodici Kriminali, li ghalihom allura ma jenhtiegx li jkun hemm il-kwerela tal-parti offiza. L-appellant minbarra r-reat imfassal fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, kien ukoll mixli u misjub hati bir-reat tal-uzu mhux xieraq ta' apparat ta' telekomunikazzjoni, reat mahsub fil-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, apparti il-ksur ta' zewg Ordnijiet ta' Protezzjoni, u ksur ta' diversi digrieti fejn kien moghti il-helsien mill-arrest. Huwa pacifiku illi dawn l-ahhar reati huma kollha prosegwibbli ex officio mill-Pulizija. Illi is-sub-inciz (e) ghall-artikolu 543 jirreferi għal dik l-azzjoni penali li tmiss lill-parti offiza sabiex titmexxa 'il quddiem u tirnexxi, fejn allura meta din l-azzjoni penali, izda, tkun titratta kaz ta' vjolenza domestika, allura din ma*

*tinneccessitax iktar il-kwerela, izda tista' titmexxa ex officio, u dan jaghmel sens sabiex ikun hemm il-protezzjoni tal-vittma soggetta ghal dik il-vjolenza li titkellem dwarha l-artikolu 2 tal-Kapitolu 581, fejn, minhabba biza' ta' vjolenza jew theddid ta' l-istess, l-vittma tibza' tmexxi l-azzjoni penali 'l quddiem. Ma jirreferix ghalhekk dan is-sub-inciz ghal dawk ir-reati li l-Pulizija tmexxi l-azzjoni penali hi stess minghajr il-htiega ta' tali kwerela, kif mahsub fis-sub-incizi (a) sa (d) tal-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi, u fejn allura ir-rinunzja o meno ghall-azzjoni penali ma tistax taffettwa il-prosegwiment tal-azzjoni. Fil-fatt il-proviso hawn fuq iccitat isemmi '**il-kwerelant**', u allura ghandu jinftiehem illi din ir-rinunzja tista' tirnexxi biss fir-rigward tal-azzjoni kriminali li tiddependi mill-kwerela tal-parti offiza u ma tirreferix ghal dawk ir-reat fejn il-Pulizija ghandhom id-dmir jibdew il-prosekuzzjoni ta'l-istess ex officio u minghajr il-htiega ta' tali kwerela. Illi fil-verità lanqas ir-reat mahsub fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali ma jinneccessita l-kwerela tal-parti offiza sabiex jirnexxi, sabiex b'hekk lanqas dan ir-reat ma huwa rinunzjabbli,*

*izda galdarba ma hemm ebda appell fir-rigward minn naha tal-Avukat Generali, l-Qorti hija prekluza milli tidhol biex tqis din il-parti tad-decizjoni appellata. Ghalhekk, dan l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi respint."*

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra taghmel taghha r-ragunament tas-sentenza succitata b'dana li qieghda tqis li l-ewwel zewg (2) akkuzi jaqghu perfettament fid-definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi l-vjolenza domestika fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk mhix sejra tqis l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi fl-ikkalibrar tal-piena.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi ghar-rigward il-hames (5) akkuza l-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali:

*"**Meta persuna tinstab hatja ta' reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija**[2], li jkun sar matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, u jew tkun hekk instabet hatja minn jew*

[2] Emfazi ta' din il-Qorti.

*quddiem qorti kompetenti skont l-artikolu 28C li tittratta magħha għar-rigward tas-sentenza sospiża, jew sussegwentement tidher jew tingieb quddiem dik il-qorti, f'dak il-kaz, hlief jekk is-sentenza tkun digà bdiet issehh, dik il-qorti ghandha tordna li s-sentenza sospiza ghandha tibda issehh."*

Illi stante li l-akkuzi li bihom sejjer jigi misjub hati ghandhom pieni monetarji u mhux karcerarji din il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn din l-akkuza.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 339 (1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 49 (a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat **Leon Gafà** hati tat-tielet (3), ir-raba' (4) u s-sitt (6) akkuzi fuq ammissjoni, timponi fuqu Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet (3) snin u liema ordni ghandha tifforma parti integrali ma' din is-sentenza.

Il-Qorti qieghda tillibera lill-imputat **Leon Gafà** mill-ewwel (1), mit-tieni (2) u mill-hames (5) imputazzjonijiet kif dedotti kontrih u dan ghar-ragunijiet indikati f'din is-sentenza.

Finalment il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**